



BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

ESTENSJONI TAL-PERIJODU TRANSITORJU STABBILIT FIL-QAFAS TAL-BĊE DWAR IR-RIĊIKLAĠĠ TAL-KARTI TAL-FLUS GĦAL SITT PAJJIŻI TAŻ-ŻONA TA' L-EURO

Il-Qafas għall-identifikazzjoni ta' flus foloz u l-għażla skond il-kondizzjoni tal-karti tal-flus mill-istituzzjonijiet tal-kreditu u minn professjonisti oħra fil-maniġġ tal-flus (il-'Qafas'), adottat f'Diċembru 2004 u ppubblikat fuq il-websajt¹ tal-BĊE, jipprovdi għal perijodu transitorju biex l-istituzzjonijiet tal-kreditu u professjonisti oħra fil-maniġġ tal-flus jaddattaw il-proċeduri u l-magni li qed jintużaw bħalissa biex b'hekk ikunu konformi mal-Qafas. Il-perijodu transitorju jagħlaq mhux iżjed tard mit-tmiem ta' l-2007.

Fir-rapport ta' l-2006 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Qafas, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE nnota li minħabba kwistjonijiet speċifiċi li laqtu l-infrastruttura u l-iskop tal-maniġġ tal-flus f'sitt pajjiżi taż-żona ta' l-euro, l-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-professjonisti fil-maniġġ tal-flus mhux se jkunu jistgħu jaġġustaw għal kolliox il-magni eżistenti li jimmaniġġaw il-karti tal-flus u l-proċeduri tax-xogħol relatati, sa t-tmiem ta' l-2007.

Skond deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, il-perijodu transitorju msemmi hawn fuq ġie għalhekk estiż biex jagħlaq:

- sa t-tmiem ta' l-2009 fi Franza; u
- sa t-tmiem ta' l-2010 fil-Greċja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja u l-Portugall.

Ma qed isir l-ebda tibdil fid-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-Qafas.

¹

<http://www.ecb.int/pub/pdf/other/recyclingeurobanknotes2005mt.pdf>

© Bank Ċentrali Ewropew, 2006

Indirizz: Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main, Germany

Indirizz postali: Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, Germany

Telefon: +49 69 1344 0; Website: <http://www.ecb.int>; faks: +49 69 1344 6000; Telex: 411 144 ecb d

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa bil-patt li jiġi rikonoxxut is-sors.

ISBN 92-899-0069-5 (online)